MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 566/2002/1

**Vivaldi Hotels (Operations) Ltd**

**Vs**

**Mary Magdalene Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta attrici li permezz tieghu talbet il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm869.85), hlas li sar lill-konvenuta indebitament u dan peress li l-istess somma kieent diga’ thallset lill-konvenuta permezz ta’ cekk bin-numru 04943 li gie msarraf mill-istess konvenuta.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuta (fol. 9) u li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma ammessi biss in kwantu ghas-somma ta’ sbatax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm17.85). Id-differenza, cioe’ s-somma ta’

tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm852) jirraprezentaw kumpens fl-ammont ta’ zewg pagi mensili bonarjament pattwiti ulterjuri ghal dak imhallas fid-data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tal-konvenuta.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Illi l-fatti tal-kaz, u li ma jirrizultax li huma kontestati, huma s-segwenti:

(a) Permezz ta’ kuntratt ta’ impjieg datat 26 ta’ Frar 2001, il-konvenuta mpjegat ruhha bhala Personnel Administrator mal-kumpannija attrici.

(b) Il-kuntratt ta’ impjieg huwa wiehed defenit ghall-perjodu ta’ sena (klawzola 2.1) b’sehh mis-26 ta’ Frar 2001. Inoltre, skond klawzola numru 2.2 l-impjieg jiggedded gahll-perjodu iehor ta’ sena *“unless either party gives the other notice in writing of its intention to terminate this agreement at least one (1) month prior to the expiry of the period”*.

(c) Fit-18 ta’ Jannar 2002 [igifieri xahar qabel ma ghaddiet is-sena] il-konvenuta nghatat avviz li l-kuntratt ta’ impjieg ma kienx ser jigi mgedded (fatt li gie ikkonfermat ukoll mill-konvenuta – xhieda moghtija fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2002).

(d) Dakinhar li l-konvenuta nghatat l-avviz skond il-kuntratt ta’ impjieg inghatat pagament ta’ tmien mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm869.85). Dan il-pagament jikkoncerna hlas ta’ salarju, bonus, u leave (ara prospett a fol. 15 tal-process).

(e) Fl-ahhar tax-xahar ta’ Jannar 2002, is-somma ta’ tmien mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm869.85) giet kreditata f’kont bankarju tal-konvenuta.

(f) Fil-5 ta’ Frar 2002 inkitbet ittra mill-Financial Controller tal-kumpannija attrici (Tony Fiorini) li permezz taghha sejjah lill-konvenuta sabiex thallas lura t-tieni pagament ghar-raguni li ***“this amount has been erroneously credited to your bank account again on the 31st January 2002”***. Ghal din l-ittra ma nghatat l-ebda twegiba da parti tal-konvenuta.

2. Skond il-ligi, hemm lok ghall-*indebiti solutio* meta xi hadd, bi zball, ihallas dak li mhux dovut la civilment u lanqas naturalment, jew ihallas dak li hu dovut imma mhux minnu, jew ihallas dak li hu dovut, anki minnu, imma mhux lil dak lil lilu hu dovut. Ir-rekwiziti huma: (1) il-pagament; (2) indebitu; (3) l-izball ta’ min hallas. Fil-kaz in konsiderazzjoni, il-pretenzjoni tas-socjeta attrici titratta hlas li ma kienx dovut.

3. Min-naha taghha l-konvenuta qeghda tikkontendi li r-rifjuzjoni mitluba m’hijiex dovuta ghaliex kien intlahaq ftehim mal-Financial Controller li hija tircievi hlas iehor fl-ammont ta’ tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm852). Il-konvenuta xehdet li dan il-ftehim intlahaq wara li hija qalet lil Financial Controller li kienet tahdem iktar minn erbghin siegha fil-gimgha u qatt ma thallset ghal dan ix-xoghol. Kompliet tghid: *“Anthony Fiorini qalli li kien ser jirrangali biex jaghtini kumpens ta’ dak ix-xoghol li kont naghmel u ma kontx nithallas tieghu”*. Is-socjeta attrici tikkontesta li qatt kien hemm dan il-ftehim. Anthony Fiorini xehed: *“jiena nichad li sar diskors mal-konvenuta fis-sens illi hi kienet ser tinghata kumpens mill-kumpannija attrici ta’ hlas zejjed iktar minn dak illi kien gie kkalkolat”* (fol. 30).

4. Sfortunatament ghall-konvenuta, it-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet li huma dijametrikament opposti ghal xulxin; igifieri il-kelma taghha kontra dik tal-Financial Controller (Anthony Fiorini). Bl-eccezzjoni moghtija mill-konvenuta qeghdet lilha nnifisha fil-posizzjoni li trid taghti l-prova ta' l-allegat ftehim (*reus in excipiendo fit actor*). Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa armla Fenech vs Geraldu Cassar** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Dicembru 1986 gie ssottolinejat: *"ghalkemm b'mod generali huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti li jallega, izda, **fejn il-konvenut jissottometti fatti li jistghu jehilsuh mill-allegazzjonijiet ta' l-attur, allura l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-konvenut**"*. It-Tribunal ma jistax jasal biex jghid li fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemu, huwa moralment konvint li l-konvenuta rnexxielha tissodisfa l-oneru tal-prova taghha li effettivament sehh il-ftehim allegat minnha. Anzi c-cirkostanzi juru li l-pagament effettivament sar bi zball. Inoltre:

(a) It-Tribunal isibha difficli li jemmen li l-Financial Controller qabad u minn jeddu kkonkluda ftehim li jithallsu flus iktar minn suppost, minghajr ma kkonsulta u ottjena l-awtorizazzjoni tas-superjuri tieghu, iktar u iktar meta l-kuntratt ta' impjieg kien jiffissa salarju *"**inclusive of any overtime and extra hours** worked by the Employee"* (fol. 32).

(b) Mill-provi jirrizulta li hekk kif sar it-tieni hlas minnufih ittiehdu l-passi min-naha tal-Financial Controller sabiex jitlob rifuzjoni tal-flus minghand il-konvenuta. Jekk it-tieni pagament sar bi ftehim kif tallega l-konvenuta, x'kien l-iskop li jintalbu l-flus lura wara biss ftit granet mill-allegat ftehim ?

(c) Issir ukoll riferenza ghall-prospett li gie pprezentat mill-konvenuta (Dok. ES1) u li permezz tieghu tat rendikont dettaljat tas-sighat zejda li hadmet matul il-perjodu mis-26 ta' Frar 2001 sat-8 ta' Ottubru 2001. L-ammont globali ta' sighat huma mitejn (200). Fil-fehma tat-Tribunal, m'huwiex versomili li ghal

dak in-numru ta’ sighat is-socjeta attrici kienet ser thallas is-somma ta’ tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm825).

(d) Mill-provi rrizulta wkoll li l-konvenuta kienet tirraporta lil Vincent Lungaro Mifsud (operations manager tas-socjeta attrici) u l-Financial Controller ma jidhirx li kien jaf *“jekk il-konvenuta hadmitx sieghat iktar milli suppost”*. F’dawk ic-cirkostanzi t-Tribunal ma jarax li huwa verosimili li l-Financial Controller kien ser jaqbad u jiftiehem minn rajh mal-konvenuta sabiex isir pagament ekwivalenti ghal xahrejn paga biex jaghmel tajjeb ghas-sighat zejda li hadmet il-konvenuta.

(e) Fattur iehor rilevanti huwa li l-konvenuta xehdet li dan l-allegat ftehim kien ***“li huwa jaghti hlas ta’ xahrejn ohra paga”*** igifieri tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm852). Pero’ rrizulta li t-tieni pagament kien f’ammont identiku bhall-ewwel pagament, li jkompli jsahhah il-fehma tat- Tribunal li l-pagament kien verament effett ta’ zball.

5. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-konvenuta ghamlet enfazi fuq il-fatt li hija kienet tibqa’ wara l-hin u qatt ma thallset tas-sighat zejda li hadmet. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma kienx daqstant rilevanti ghall-ezitu tal-kawza, hlief ghal kwistjoni jekk sehhx il-ftehim allegat mill-konvenuta. Id-difiza li ressqet il-konvenuta kienet limitata fuq il-premessa li sehh ftehim bonarju bejn il-kontendenti, u xejn iktar. Madankollu t-Tribunal qieghed ihalli mpregudikat kwalsiasi dritt li l-konvenuta jista’ ghandha skond il-ligi sabiex titlob hlas ghas-sighat zejda li ghamlet matul il-perjodu ta’ mpjieg, u f’liema kaz wiehed ikollu jara jekk il-klawzola numru 4.1 tal-kuntratt ta’ impjieg hijiex konformi mal-ligijiet ta’ impjieg.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm869.85), bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**